

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/142**tal-15 ta' Jannar 2018****li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/762/UE li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili**

(notifikata bid-dokument C(2018) 71)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/762/UE ⁽²⁾ tiddefinixxi l-għanijiet ta' kapaċità, ir-rekwiżiti ta' kwalità u interoperabbiltà u l-proċedura ta' ċertifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-Kapaċità Ewropea għar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (EERC) kif ukoll ir-rekwiżiti ġenerali għall-moduli tal-protezzjoni ċivili.
- (2) In-nuqqas serju ta' timijiet mediċi ta' emerġenza u timijiet ta' intervent oħrajn relatati mas-saħħa matul il-kriżi tal-Ebola fl-Afrika tal-Punent wassal biex inġoloq il-kunċett ta' Korp Mediku Ewropew, li jiddeskrivi l-parti mill-EERC li tista' tiġi mobilizzata għal operazzjonijiet ta' reazzjoni f'każ ta' emerġenzi ta' mard u li jkollhom konsegwenzi fuq is-saħħa. L-għan huwa li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni bħala tali li tirreaġixxi għal emerġenzi ta' mard u li jkollhom konsegwenzi fuq is-saħħa li jegħlbu l-kapaċitajiet tal-pajjiżi affettwati waħedhom, kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni.
- (3) Ir-rekwiżiti għal moduli ta' protezzjoni ċivili jeħtieġ li jieħdu kont ta' proċessi internazzjonali rikonoxxuti, bħalma huma l-inizjattiva tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa sabiex tikklassifika Timijiet Mediċi ta' Emerġenza u l-linji gwida stabbiliti permezz tal-Grupp Internazzjonali għall-Pariri dwar it-Tifrix u s-Salvataġġ (INSARAG).
- (4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/762/UE tinkariga lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex tivvaluta l-adeqwatezza tal-għanijiet ta' kapaċità tagħha, ir-rekwiżiti ta' kwalità u interoperabbiltà kif ukoll il-proċedura ta' ċertifikazzjoni u reġistrazzjoni tar-riżorsi fl-EERC mill-inqas kull sentejn u biex tirvedihom jekk ikun meħtieġ. Il-proċess ta' ċertifikazzjoni tar-riżorsi għandu jiġi aġġustati biex titqies l-esperjenza miksuba tul il-perjodu inizjali.
- (5) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/762/UE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/762/UE hija emendata kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 2, jiddaħħal il-punt (6) li ġej:

“(6) “Korp Mediku Ewropew” tfisser dik il-parti tal-EERC disponibbli għall-operazzjonijiet ta' reazzjoni skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni f'każ ta' emerġenzi akuti li jolqtu s-saħħa.”

- (2) Fl-Artikolu 16, il-paragrafu 8 jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

“8. Lċ-ċertifikazzjoni ta' modulu, skwadra ta' assistenza teknika u appoġġ, xi kapaċità oħra ta' reazzjoni jew espert għandha tiġi evalwata mill-ġdid mhux aktar tard wara li jkunu għaddew ħames (5) snin, jekk l-assi jiġi sottomess għar-reġistrazzjoni mill-ġdid fl-EERC.”

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 924.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/762/UE tas-16 ta' Ottubru 2014 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u li tħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2004/277/KE, Euratom u 2007/606/KE, Euratom (ĠU L 320, 6.11.2014, p. 1).

- (3) L-Anness II huwa emendat kif stipulat fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.
- (4) L-Anness III huwa sostitwit bit-test kif stipulat fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.
- (5) L-Anness V huwa emendat kif stipulat fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Jannar 2018.

Għall-Kummissjoni
Christos STYLIANIDES
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/762/UE qiegħed jiġi emendat kif ġej:

(1) Tiġi miżjuda t-taqsim (18) kif ġej:

“18. Tim mediku ta' emerġenza (TME) tat-tip 1 (fiss): Kura ta' Emerġenza għal outpatients

Kompiti	<p>Il-kura outpatient inizjali ta' emerġenza ta' korrimenti u ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa sinifikanti oħra, inklużi s-servizzi li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Klassifikazzjoni tal-pazjenti skont il-gravità tal-kundizzjoni tagħhom, evalwazzjoni, l-ewwel għajjnuna; — Stabbilizzazzjoni u riferiment ta' trawma severa u emerġenzi li ma jkunux trawma; — Kura definita għal trawma minuri u emerġenzi li ma jkunux trawma.
Kapaċitajiet	Servizzi ta' matul il-jum għal mill-inqas 100 konsultazzjoni ta' outpatients kuljum.
Elementi prinċipali	<p>Rekwiżiti ta' tim u ta' persunal:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Ġestjoni: persunal li jkopri l-funzjonijiet ta' Kap tat-Tim, Deputat Kap tat-Tim, Uffiċjal ta' Kollegament (ħolqa maċ-Ċentru ta' Reċezzjoni/ta' Tluq, iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-Operazzjonijiet fuq il-Post jew mekkaniżmu ieħor ta' koordinazzjoni kif xieraq, l-Awtorità ta' Ġestjoni tal-Emerġenzi Lokali), Uffiċjal ta' Sigurtà; — Professjonisti tas-Saħħa: kif definit fl-istandards minimi tal-WHO; — Servizzi loġistiċi: Maniġer tat-Tim Loġistiku wieħed (1)+ tim loġistiku f'konformità ma' rekwiżiti ta' awtosuffiċjenza. <p>It-tim għandu jikkonforma mal-'Istandards ta' klassifikazzjoni u standards minimi għal timijiet mediċi barranin f'diżastri li jseħħu bla mistenni' u l-linji gwida sussegwenti jew addizzjonali maħruġa mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO).</p>
Awtosuffiċjenza	It-tim għandu jara li jibqa' awtosuffiċjenti matul iż-żmien kollu tal-istazzjonament. Japplika l-Artikolu 12 u, barra minn hekk, l-istandards minimi tal-WHO.
Skjerament	<p>Disponibbiltà għat-tluq fi żmien ta' mhux aktar minn 24-48 siegħa wara l-aċċettazzjoni tal-offerta.</p> <p>Abbiltà li jdum jopera tal-anqas għal 14-il jum.”</p>

(2) Tiġi miżjuda t-taqsim (19) kif ġej:

“19. Tim mediku ta' emerġenza (TME) tat-tip 1 (mobbli): Kura ta' Emerġenza għal outpatients

Kompiti	<p>Il-kura outpatient inizjali ta' emerġenza ta' korrimenti u ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa sinifikanti oħra, inklużi s-servizzi li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Klassifikazzjoni tal-pazjenti skont il-gravità tal-kundizzjoni tagħhom, evalwazzjoni, l-ewwel għajjnuna; — Stabbilizzazzjoni u riferiment ta' trawma severa u emerġenzi li ma jkunux trawma; — Kura definita għal trawma minuri u emerġenzi li ma jkunux trawma.
Kapaċitajiet	Servizzi ta' matul il-jum għal mill-inqas 50 konsultazzjoni ta' outpatients kuljum.
Elementi prinċipali	<p>Rekwiżiti ta' tim u ta' persunal:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Ġestjoni: persunal li jkopri l-funzjonijiet ta' Kap tat-Tim, Deputat Kap tat-Tim, Uffiċjal ta' Kollegament (ħolqa maċ-Ċentru ta' Reċezzjoni/ta' Tluq, iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-Operazzjonijiet fuq il-Post jew mekkaniżmu ieħor ta' koordinazzjoni kif xieraq, l-Awtorità ta' Ġestjoni tal-Emerġenzi Lokali), Uffiċjal ta' Sigurtà;

	<ul style="list-style-type: none"> — Professjonisti tas-Saħħa: kif definit fl-istandards minimi tal-WHO; — Servizzi loġistiċi: Maniġer tat-Tim Loġistiku wieħed (1)+ tim loġistiku f'konformità ma' rekwiżiti ta' awtosuffiċjenza. <p>It-tim għandu jikkonforma mal-'Istandards ta' klassifikazzjoni u standards minimi għal timijiet mediċi barranin f'diżastri li jseħħu bla mistenni' u l-linji gwida sussegwenti jew addizzjonali maħruġa mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO).</p>
Awtosuffiċjenza	It-tim għandu jara li jibqa' awtosuffiċjenti matul iż-żmien kollu tal-istazzjonament. Japplika l-Artikolu 12 u, barra minn hekk, l-istandards minimi tal-WHO.
Skjerament	Disponibbiltà għat-tluq fi żmien ta' mhux aktar minn 24-48 siegħa wara l-aċċettazzjoni tal-offerta. Abbiltà li jdum jopera tal-anqas għal 14-il jum."

(3) Tiġi miżjuda t-taqsim (20) kif ġej:

"20. Tim Mediku ta' Emerġenza (TME) tat-Tip 2: Kura inpatient Kirurġika ta' Emerġenza

Kompiti	<p>Kura akuta inpatient, kirurġija ġenerali u ostetrika għal trawma u kundizzjonijiet maġġuri oħra, inklużi s-servizzi li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Intake/Eżami ta' pazjenti ġodda jew referuti, kontroreferenza; — Klassifikazzjoni kirurġika tal-gravità u l-valutazzjoni; — Għajnuna avvanzata ta' salvataġġ tal-ħajja; — Ġestjoni definittiva ta' feriti u ta' ksur bażiku; — Kirurġija ta' kontroll tal-ħsara; — Kirurġija ta' emerġenza ġenerali u ostetrika; — Kura inpatient għal emerġenzi li ma jkunux trawma; — Anesteżija bażika, X-ray, sterilizzazzjoni, laboratorju u trasfużjoni tad-demem; — Servizzi ta' riabilitazzjoni u segwitu tal-pazjent. <p>Kapaċità biex jintlaqgħu u jiġu integrati timijiet ta' kura speċjalizzata biex jaħdmu fi ħdan il-faċilità tagħhom, jekk xi wħud mis-servizzi msemmija hawn fuq ma jkunux jistgħu jiġu pprovduti mit-tim.</p>
Kapaċitajiet	<p>Servizzi ta' bi nhar u ta' billejl (li jkopru 24/7 jekk ikun meħtieġ), inkluż bħala minimu:</p> <ul style="list-style-type: none"> — sala tal-operazzjonijiet waħda (1) b'kamra waħda (1) tal-operazzjonijiet; mill-inqas 20 sodda għal inpatients għal kull mejda operattiva; — Kapaċità li jiġu ttrattati 7 każijiet kirurġiċi maġġuri jew 15-il każ minuri, kuljum.
Elementi prinċipali	<p>Rekwiżiti ta' tim u ta' persunal:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Ġestjoni: Kap ta' Tim wieħed (1); Deputat Kap ta' Tim wieħed (1); Uffiċjal ta' Kollegament wieħed (1) (ħolqa maċ-Ċentru ta' Akkoljenza/tat-Tluq, iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-Operazzjonijiet fuq il-Post jew xi mekkaniżmu ieħor ta' koordinazzjoni kif xieraq, l-Awtorità Lokali ta' Ġestjoni tal-Emerġenzi); Uffiċjal tas-Sigurtà wieħed (1); — Professjonisti tas-Saħħa: kif definit fl-istandards minimi tal-WHO (l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa); — Servizzi loġistiċi: Maniġer tat-Tim Loġistiku wieħed (1)+ tim loġistiku għat-TME u l-inpatients tiegħu. <p>It-tim għandu jikkonforma mal-'Istandards ta' klassifikazzjoni u standards minimi għal timijiet mediċi barranin f'diżastri li jseħħu bla mistenni' u l-linji gwida sussegwenti jew addizzjonali maħruġa mid-WHO.</p>
Awtosuffiċjenza	It-tim għandu jara li jibqa' awtosuffiċjenti matul iż-żmien kollu tal-istazzjonament. Japplika l-Artikolu 12 u, barra minn hekk, l-istandards minimi tal-WHO.

Skjerament	Disponibbiltà għat-tluq f'ħin massimu ta' 48–72 sigħat wara l-aċċettazzjoni tal-offerta, u kapaċità li jkun operattiv fuq il-post fi żmien 24-96 siegħa. Kapaċità li jibqa' operattiv għal mill-anqas tliet (3) ġimgħat barra mill-Unjoni, u għal mill-anqas 14-il jum ġewwa l-Unjoni."
------------	--

(4) Tiġi miżjuda t-taqsimha (21) kif ġej:

"21. Tim Mediku ta' Emerġenza (TME) tat-Tip 3: Kura inpatient b'riferiment

Kompiti	<p>Kura kirurġika kumplessa inpatient b'riferiment inkluż kapaċità ta' kura intensiva, u li tinkludi s-servizzi li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Il-kapaċità li jiġu pprovduti servizzi tat-tip 2 tat-TME; — Kura kumplessa rikostruttiva tal-feriti u ortopedika; — X-ray avvanzata, sterilizzazzjoni, laboratorju u trasfużjoni tad-demem; — Servizzi ta' riabilitazzjoni u segwitu tal-pazjent. — Anestezija ta' livell għoli pedjatrika u adulta; — Sodod għall-kura intensiva b'monitoraġġ il-ħin kollu u abilità ta' ventilazzjoni; — Servizzi ta' aċċettazzjoni u riferiment mit-tipi 1 u 2 ta' TME u mis-sistema nazzjonali tas-saħħa. <p>Jistgħu jiġu inklużi servizzi speċjalizzati, bħal ma huma: kura minħabba ħruq; dijaliżi u kura tas-sindromu tat-tgħaffiġ (crush syndrome); kirurġija tax-xedaq u tal-wiċċ; kirurġija ortoplastika; riabilitazzjoni intensiva; saħħa materna; kura pedjatrika u tat-trabi tat-twelid; trasport u ġbir.</p>
Kapaċitajiet	<p>Servizzi ta' bi nhar u ta' billejl (li jkopru 24/7 jekk ikun meħtieġ), inkluż bħala minimu:</p> <ul style="list-style-type: none"> — sala tal-operazzjonijiet waħda (1) b'mill-inqas żewġ (2) imwejjed f'żewġ ikmamar separati fi ħdan iż-żona tas-sala, mill-inqas 40 sodda inpatient (20 għal kull mejda), u 4–6 sodod tal-kura intensiva. Kull mejda tal-operazzjonijiet addizzjonali se tkun tenhtiegħ 20 sodda aktar għal pazjenti inpatient, biex ikun żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċità ta' wara l-operazzjoni; — Kapaċità li jiġu ttrattati 15 każijiet kirurġiċi maġġuri jew 30-il każ minuri, kuljum.
Elementi prinċipali	<p>Rekwiżiti ta' tim u ta' persunal:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Ġestjoni: Kap ta' Tim wieħed (1); Deputat Kap ta' Tim wieħed (1); Uffiċjal ta' Kollegament wieħed (1) (ħolqa maċ-Ċentru ta' Akkoljenza/tat-Tluq, iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-Operazzjonijiet fuq il-Post jew xi mekkaniżmu ieħor ta' koordinazzjoni kif xieraq, l-Awtorità Lokali ta' Ġestjoni tal-Emerġenzi); Uffiċjal tas-Sigurtà wieħed (1) — Tim ta' Profjessjonisti tas-Saħħa: kif definit fl-istandards minimi tal-WHO (l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa); — Tim Loġistiku: Mangiet tat-Tim Loġistiku wieħed (1)+ tim loġistiku għat-TME u l-inpatients tiegħu. <p>It-tim għandu jikkonforma mal-'Istandards ta' klassifikazzjoni u standards minimi għal timijiet mediċi barranin f'diżastri li jseħħu bla mistenni' u l-linji gwida sussegwenti jew addizzjonali maħruġa mid-WHO.</p>
Awtosuffiċjenza	<p>It-tim għandu jara li jibqa' awtosuffiċjenti matul iż-żmien kollu tal-istazzjonament. Japplika l-Artikolu 12 u, barra minn hekk, l-istandards minimi tal-WHO.</p>
Skjerament	<p>Disponibbiltà għat-tluq f'ħin massimu ta' 48–72 sigħat wara l-aċċettazzjoni tal-offerta, u kapaċità li jkun operattiv fuq il-post fi żmien 5-7'ijiem. Kapaċità li jibqa' operattiv għal mill-anqas tliet (8) ġimgħat barra mill-Unjoni, u għal mill-anqas 14-il jum ġewwa l-Unjoni."</p>

ANNEX II

L-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/762/UE qiegħed jiġi emendat kif ġej:

"ANNEX III

L-GĦANIJIET TA' KAPAĊITÀ TAL-EERC**Moduli**

Modulu	Għadd ta' moduli disponibbli simultanjament għall-iskjerament ⁽¹⁾
HCP (Ippumpjar ta' kapacià għolja)	6
MUSAR (Tfittix u salvataġġ urban medju — 1 għal kundizzjonijiet kesħin)	6
WP (Purifikazzjoni tal-ilma)	2
FFFF (Modulu tat-tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru bl-użu ta' ajruplani)	2
AMP (Kariga medika avvanzata)	2 ⁽²⁾
ETC (Kamp Temporanju ta' Emerġenza)	2
HUSAR (Tiftix u salvataġġ urban intensiv)	2
CBRNET (Detezzjoni u kampjunar tas-CBRN)	2
GFFF (Tifi tan-nar mill-art fil-foresti)	2
GFFF-V (Tifi tan-nar mill-art fil-foresti bl-użu tal-vetturi)	2
CBRNUSAR (USAR f'kundizzjonijiet CBRN)	1
AMP-S (Kariga medika avvanzata bil-kirurġija)	1 ⁽²⁾
FC (kontroll ta' għargħar)	2
FRB (Salvataġġ mill-għargħar bl-użu tad-dgħajjes)	2
MEVAC (Evakwazzjoni medika mill-ajru tal-vittmi tad-diżastru)	1
FHOS (Sptar fuq il-post)	1 ⁽²⁾
FFFH (Modulu tat-tifi tan-nar mill-ajru fil-foresti bl-użu ta' elikopters)	2
TME fiss tat-tip 1 (Tim mediku ta' emerġenza tat-tip 1: Kura ta' Emerġenza għal outpatients – fissa)	5
TME mobbli tat-tip 1 (Tim mediku ta' emerġenza tat-tip 1: Kura ta' Emerġenza għal outpatients – mobbli)	2
TME tat-tip 2 (Tim mediku ta' emerġenza tat-tip 2: Kura inpatient Kirurġika ta' Emerġenza)	3
TME tat-tip 3 (Tim mediku ta' emerġenza tat-tip 3: Kura inpatient b'riferiment)	1

Timijiet Tekniċi ta' Assistenza u Appoġġ

Timijiet Tekniċi ta' Assistenza u Appoġġ	Numru ta' TAST disponibbli simultanjament għall-iskjerament (!)
TAST (Timijiet Tekniċi ta' Assistenza u Appoġġ)	2

Mezzi oħra ta' reazzjoni

Mezzi oħra ta' reazzjoni	Numru ta' mezzi oħra ta' reazzjoni disponibbli simultanjament għall-iskjerament (!)
Timijiet ta' tiftix u salvataġġ fil-muntanji	2
Timijiet ta' tiftix u salvataġġ fl-ilma	2
Timijiet għal tiftix u salvataġġ fl-għerien	2
Timijiet b'taġmhir speċjalizzat għal tiftix u salvataġġ, eż. robots ta' tiftix	2
Timijiet b'vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ	2
Timijiet ta' reazzjoni għal inċidenti marittimi	2
Timijiet tal-inġinerija strutturali, li jwettqu valutazzjonijiet tal-ħsara u s-sikurezza, il-valutazzjoni ta' bini li għandu jitwaqqa/jissewwa, il-valutazzjoni ta' infrastruttura, irfid għal żmien qasir	2
Appoġġ fl-evakwazzjonijiet: jinkludi timijiet għall-ġestjoni tal-informazzjoni u l-loġistika	2
Tifi tan-nar: timijiet konsultattivi/ta' valutazzjoni	2
Timijiet ta' dekontaminazzjoni CBRN	2
Laboratorji mobbli għal emerġenzi ambjentali	2
Timijiet jew pjattaformi ta' komunikazzjoni biex jergġhu jkunu stabbiliti l-komunikazzjonijiet f'żoni remoti	2
Mezzi separati għall-Evakwazzjoni Medika bl-ajru permezz ta' Ajruplani u Ħelikopter fl-Ewropa jew madwar id-dinja	2
Kapaċità Miżjuda ta' Kenn: unitajiet għal 250 persuna (50 tinda); inkl. l-unità awtosuffiċjenti għall-ġestjoni tal-persunal	100
Kit ta' Kenn b'Kapaċità Miżjuda: unitajiet għal 2 500 persuna (500 tinda); b'għodod li jistgħu jiġu akkwistati lokalment	6
Pompi tal-ilma li kapaċi jippumpjaw mill-inqas 800 litru/min	100
Ġeneraturi tal-enerġija ta' 5-150 kW	100
Ġeneraturi tal-enerġija ta' aktar minn 150 kW	10
Mezzi ta' kontra t-tniġġiż tal-baħar	kif meħtieġ
Timijiet mediċi ta' emerġenza għal kura speċjalizzata	8
Laboratorji tal-bijosikurezza mobbli	4

Mezzi oħra ta' reazzjoni	Numru ta' mezzi oħra ta' reazzjoni disponibbli simultanjament għall-iskjerament ⁽¹⁾
Kapaċità tal-Inġinerija Permanenti	1
Kapaċitajiet oħra ta' reazzjoni meħtieġa biex jindirizzaw ir-riskji identifikati	kif meħtieġ

(¹) Biex tiġi żgurata din id-disponibbiltà, tkun possibbli l-għażla li wieħed jirreġistra għadd ogħla ta' mezzi fl-EERC (eż. f'każ ta' rotazzjoni). Bl-istess mod, f'każ li l-Istati Membri jagħmlu aktar mezzi disponibbli, jista' jiġi reġistrat numru ogħla fl-EERC.

(²) Għal dan it-tip ta' modulu, l-għażla li wieħed jirreġistra għadd ogħla ta' mezzi fl-EERC m'għandhiex tkun possibbli. L-għan tal-kapaċità għal dan it-tip ta' modulu għandu jiskadi sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2019."

ANNEX III

L-Anness V tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/762/UE qiegħed jiġi emendat kif ġej:

(1) It-titolu tal-Anness jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“PROĊEDURA TA' ĊERTIFIKAZZJONI U REĠISTRAZZJONI GĦALL-EERC”

(2) It-tabella fl-aħħar tal-anness tiġi sostitwita bit-test li ġej:

“PASSI TA' ĊERTIFIKAZZJONI

1. Il-proċess ta' ċertifikazzjoni għandu jinkludi żjara ta' konsultazzjoni, eżerċizzju ta' simulazzjoni, u eżerċizzju fuq il-post. L-eżerċizzju fuq il-post jista' ma jsirx fil-każ tal-moduli relatati man-nar, l-kampijiet temporanji ta' emerġenza, il-moduli ta' evakwazzjoni medika mill-ajru u ċerti kapaċitajiet oħra ta' reazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ.
2. Skwadri ta' Tiftix u Salvataġġ. urbani (medji u kbar) jitqiesu bħala ċertifikati jekk ikunu għaddew mill-Klassifikazzjoni Esterna INSARAG. Skont l-EERC ma għandux jinħoloq proċess ta' ċertifikazzjoni separat għal Timijiet ta' Tiftixija u Salvataġġ Urban.
3. Timijiet mediċi ta' emerġenza (tipi 1, 2, 3 u ta' kura speċjalizzata) jitqiesu bħala ċertifikati jekk ikunu għaddew minn proċess ta' verifika tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). Il-proċedura tar-reġistrazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' timijiet mediċi ta' emerġenza fl-EERC għandhom jikkomplementaw il-proċess tal-verifika tad-WHO.”